MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 132/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jacqueline Zammit**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jacqueline Zammit talli fil-11 ta' Lulju, 2002 ghall-habta tas-4.30 pm gewwa Misrah Lewza, San Gwann, meta ordnata permezz ta' Digriet numru 422/02 RCP moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili biex taghti access lill-wild Dirk Zammit u Luke Zammit taht il-kustodja taghha, irrifjutat li taghmel hekk minghajr ragunu xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Gunju, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Jacqueline Zammit hatija skond l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u kkundannata ammenda ta' ghoxrin lira (Lm20);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Jacqueline Zammit, minnha ppresentat fit-3 ta’ Lulju, 2003, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, li ma jinkludux traskrizzjoni tax-xhieda moghtija quddiem l-ewwel qorti, trattandosi ta’ kawza sommarja u, per di piu`, tad-distrett; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru, 2003; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru, 2003 meta ssejjah biex jixhed Gordon Zammit, ir-ragel ta’ l-appellanti u l-persuna li kienet irregistrat ir-rapport kontra l-appellanti fl-ewwel lok, dan baqa’ ma deherx, u l-prosekuzzjoni ma ezibit ebda riferta fir-rigward tieghu. Peress li dan huwa kaz prosegwibbli *ex officio*, u galadarba ma kienx hemm il-prova li sar ghall-anqas tentattiv da parti tal-prosekuzzjoni biex tinnotifika lil dan ix-xhud, din il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-appell. L-uniku xhud li tellghet il-prosekuzzjoni kien il-Kuntistabbli 1224 Nicolai Sant, li xehed biss dwar ir-rapport li huwa kien irceva; mistoqsi jekk huwa kienx kellem lill-appellanti dwar dan ir-rapport, dan il-kuntistabbli wiegeb li ma kienx jiftakar. Ghalhekk fil-kaz *de quo* ma jistax jinghad li l-imputazzjoni giet b’xi mod sodisfacentement pruvata.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------